# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 233/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maria Stella Attard )**

**vs**

**Richard Attard**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Richard Attard, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 262964M akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-8 t'Awwissu, 2015 għall-ħabta ta' 03:05hrs ġewwa Triq l-Imdina, Ħal Qormi: 1) Saq jew pprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku ieħor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi; (Kap 65 Artikolu 15A(1)); u 2) Naqas jew irrifjuta li jagħti skont il-liġi kampjun tan-nifs, tad-demm u/jew ta' l-urina. (Kap 65

artikolu 15 (E). Il-Prosekuzzjoi talbet li l-imputat jkun skwalifikat mill-liċenżji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-26 ta' April, 2016 li biha illiberat lill-appellant mit-tieni (2) imputazzjoni u sabitu ħati tal-ewwel (1) wahda w kkundannatu ghall-multa ta' €1,500, liema multa għandha titħallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' €100 fix-xahar, l-ewwel pagament għandu jsir fl-1 ta' Ġunju 2016, b'dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih, u fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ ta' l-ammont dovut għandu jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' ebda att ġudizzarju ieħor. Il-Qorti cahdet it-talba ghas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan;

Rat ir-rikors tal-appellant Richard Attard, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Mejju, 2016, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi: 1) Tikkonfermaha f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-appellant mhux ħati tat-tieni imputazzjoni; 2)Tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena; u 3) In subordine, u fl-eventwalita' li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-aggravju dwar il-mertu, tirriforma s-sentenza appellata f'dik il-parti tagħha li tikkonċerna l-piena, u tinfliġġi minflok piena aktar idoneja u li tirrispekkja l-każ in eżami.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat;

1. Illi l-kaz in kwistjoni jirrigwarda habta bejn zewg vetturi wahda minnhom misjuqa mill-appellant. Meta z-zewg vetturi waqfu, ix-xufier tal-vettura l-ohra talbet ghall-assistenza tal-Pulizija ghaliex deherilha li s-sewwieq l-iehor, allura l-imputat, kien fi stat ta' sokor;

2. Din il-Qorti semghet il-verzjoni ta' Yana Carabott li kienet qed issuq il-vettura l-ohra u li l-imputat jghid li mhux minnu ghaliex kienet ommha li qed issuq. Semghet ukoll il-verzjoni tal-imputat u rat l-affidavit ta' WPS 91 u PS601. Issa, fir-rikors tal-appell tieghu, l-appellant talab l-isfilz ta' dawn l-affidavits fuq il-premessa illi ma inghatax l-opportunita' li jaghmel il-kontro-ezami taz-zewg ufficcjali tal-Pulizija u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tiddisponi minn din it-talba *in primis.*;

3. Kif jemergi mill-verbal tal-udjenza tat-8 ta' Marzu, 2016, l-imputat kien talab li jittelghu WPS 91 u PS 601 u s-seduta kienet differita ghas-26 t'April, 2016. F'dik l-udjenza, imbaghad xehedet Yana Carabott u sarilha l-kontro-ezami. Immedjatament wara, xehed l-imputat u l-partijiet ghamlu sottomissjonijiet u ma hemm l-ebda rikjesta registrata jew xi forma ta' protesta ohra sabiex jittellghu WPS 91 u PS 601. Din il-Qorti ikollha tistrieh fuq dak li hemm registrat fil-verbal tal-udjenza u ghalhekk t-talba tal-appellant ghall-isfilz ta' dawn id-deposizzjonjiet ma tistax tkun akkolta;

4. **Fl-ewwel aggravju** tiegħu l-appellant jargumenta illi ma kellux jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni fuq il-provi mressqa u dan ghaliex jinħtieġ li ssir il-prova li kien ikkonsmat l-alkoħol f'ammont li rrendih tali li ma jkunx jista' jsuq. Għal dan jeħtieġ li jsir test xjentifiku sabiex jiġi determinat dan kollu. In sostenn ta' dan huwa ghamel referenza għas-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija v Raymond Debono tal-21 ta' Jannar 2016 u 'Il-Pulizija vs Sean Busuttil tad-9 ta' Novembru 2011.' Fit-tieni sentenza ċitata kien intqal '*persuna tiqies li mhix f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċita' tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa*.' L-appellant itenni illi f'ebda ħin ma kien aggressiv u kkopera mal-Pulizija. Jekk il-pulizija kellhom suspett, is-suspett mhux biżżejjed biex jinstab ħati għaliex jinħtieġ il-prova. L-appellant ġab ruħu kif ġab minħabba x-xokk li kellu;

5. Dwar dan l-ewwel aggravju, tajjeb li jkun senjalat illi persuna tikkommetti reat jekk issuq vettura bil-mutur meta ma tkunx f'kundizzjoni taghmel hekk minhabba xorb jew drogi ex artikolu 15A(1) tal-Kapitolu 65. Tista' tkun misjuba hatja ukoll ta' reat jekk issuq wara li tkun ikkunsmat tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, demm jew urina jkun jeccedi l-limitu preskritt mil-ligi. Fil-kaz odjern l-prosekuzzjoni proferiet l-ewwel wahda minn dawn iz-zewg reati u li naturalment taghmilha aktar difficli ghaliha kwantu prova ghaliex ma hemmx ir-rizultat ta' test oggettiv;

6. Din il-Qorti taghmel referenza għall-insenjament tal-Imħallef William Harding fis-sentenza datata 25 t'April 1957 fl-ismijiet 'Il-Pulizija v Joseph Peralta' fejn il-Qorti kkonfermat dak li kien intqal fis-sentenza 'The Police v Groves' tat-18 t'Ottubru 1948 (Kollezzjoni XXXIII.IV.735) fejn ikkonfermat dan li ġej:

'*B'danakollu ma hux esklużilli, anki jekk ma jiġux osservati 'ad unguem' it-testi preskritti, eppure l-kumpless tal-provi jkun suffiċjenti biex iwassal il-Qorti għall-konklużjoni li l-imputat kien*

*xurban fil-waqt li kien qiegħed isuq , u l-istat ta' sokor kien tali li jaffettwa l-mod tas-sewqan.'*

6. Il-Qorti eżaminat dak li qalu l-Pulizija fl-affidavits tagħhom li fis-sustanza jaqblu li l-appellant kien taħt l-effett tax-xorb. L-appellant instab mhux fi stat tajjeb, iħawwad fid-diskors u kien jitbandal waqt li kellu riħa ta' xorb ħierġa minn ħalqu. Meta qam bil-wieqfa bilkemm seta' jżomm fuq saqajh. (Ara l-affidavits a fol 3 u 4 tal-proċess). L-istess innutat ix-xhud Yana Carabott (fil-mori D'Amato) meta xehdet li *ma kienx stabbli fuq saqajh.'* Min-naħa l-oħra l-appellant kien qal lill-Pulizija li huwa kien xorob tliet fliexken ilma waqt is-serata. Iżda meta kien qed jixhed minn jeddu fil-Qorti tal-Appell huwa qal li ma kienx xurban iżda li bejn l-għaxra u l-ħdax ta' bil-lejl huwa kien ħa tnejn birra, burger u flixkun ilma.

9. Il-Qorti qed tapplika l-insenjament tas-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija v Joseph Peralta' fejn kien aċċertat li l-kumpless tal-provi jistgħu iwasslu lill-Qorti tiddeċiedi li l-appellant kien xorob, li wara kien qed isuq fi triq pubblika (kif jiirriżulta mix-xhieda ta' Yana D'Amato) u li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb. Il-Qorti ma ssibx verosimili l-verżjoni mogħtija mill-appellant u lanqas ma taċċetta li l-appellant ma kienx jista' joqgħod fuq saqajh għax kien taħt xokk. Min-naħa l-oħra l-Qorti ssib konsistenza bejn dak li hemm fl-affidavits bejniethom u bejn l-istess affidavits u dak li xehdet Yana D'Amato;

10. Illi l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha ghaliex wara kollox dak li xekkel lill-prosekuzzjoni milli tottjeni rizultat ta' test oggettiv tan-nifs tal-appellant kien il-fatt illi fl-istat li kien ma setghax jonfoh fl-apparat li jkejjel in-nifs anke jekk ttenta jaghmel hekk ghal-tlett darbiet. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

11. **Fit-tieni aggravju** tieghu, l-appellant jilmenta li l-piena erogata hija wahda eċċessiva u ghalhekk talab li tkun mposta piena aktar idonea. Ir-reat in dizamina sehh fit-8 t'Awwissu 2015 meta l-piena erogabbli kienet ta' multa li ma tistax tkun ta' anqas minn €1200. Bl-Att XIV tal-2017 il-piena erogabbli hija ta' multa ta' mhux anqas minn €1800 f'kaz tal-ewwel reat. F'kull cirkostanza, b'zieda mal-piena, il-Qorti ghandha tiskwlalifika lill-hati milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal-zmien ta' mhux anqas minn sitt xhur f'kaz ta' sejbien ta' htija ghall-ewwel darba. Huwa evidenti illi l-ewwel Qorti naqset milli tapplika l-konsegwenzjali tal-piena izda l-Avukat Generali ma intavola ebda appell in rigward;

12. Illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti kienet sew fil-parametri tal-ligi u ma hemm l-ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tirrimpjazza d-diskrezzjoni ezercitata mill-Qorti tal-ewwel grad;

13. Għal dawn ir-raġunijiet, filwaqt illi tichad it-tieni u t-tielet talba tar-rikors tal-appell, tilqa' l-ewwel u r-raba' talba u tirriforma s-sentenza appellata billi ikkonfermaha kwantu sejbien ta' htija, tirrevokaha f'dik il-parti li bihja kkundannat lill-appellant ghal gimgha detenzjoni u minflok tikkundannah ghal-canfira.